V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10444 — RWE Generation/Messer Industriegase/Kreis Düren/Siemens Project Ventures/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 393/10)

1. Fis-17 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Beteiligungsgesellschaft Kreis Düren MBH ("BTG", il-Ġermanja),

— Messer Industriegase GmbH ("Messer Industriegase", il-Ġermanja),

— RWE Generation SE ("RWE Generation", il-Ġermanja),

— Siemens Project Ventures GmbH, ("Siemens", il-Ġermanja).

BTG, Messer Industriegase, RWE Generation u Siemens jakkwistaw skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3 (4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tat-totalità ta' kumpanija ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta (l-"IK", il-Ġermanja).

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi konċernati huma:

— BTG hija kumpannija assoċjata tad-distrett amministrattiv ta' Düren, il-Ġermanja, li tamministra l-ishma tad-distrett ta' Düren.

— Messer Industriegase huwa manifattur tal-gass industrijali, gass speċjali u gass mediku kif ukoll taħlitiet tal-gass.

— RWE Generation hija attiva fil-ġenerazzjoni u l-kummerċ tal-elettriku li jirriżulta minn sorsi bħall-gass, il-faħam jew sorsi rinnovabbli.

— Siemens tipprovdi prodotti u servizzi relatati mal-elettrifikazzjoni, l-awtomazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fl-oqsma tal-industrija, il-mobbiltà, l-infrastruttura u l-kura tas-saħħa. Siemens Project Ventures hija sussidjarja ta' Siemens attiva fl-iżvilupp tal-proġetti.

— L-IK se tkun attiva fl-ippjanar, l-iżvilupp, il-kostruzzjoni u l-operat ta' impjant għall-produzzjoni tal-idroġenu f'Jülich fid-distrett ta' Düren. L-IK se tkompli topera pompa tal-mili bl-idroġenu għall-karozzi u pompa tal-mili għat-trejlers. Se tforni s-sħana li tintilef fin-netwerk tat-tisħin lokali.

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jitqies għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja trid tiġi dejjem indikata:

M.10444 — RWE Generation/Messer Industriegase/Kreis Düren/Siemens Project Ventures/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.